32004R0856

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM), Nru 856/2994
tad-29 ta' April 2004
li jiffissa mill-1 ta' Mejju 2004 il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għall-ħlas ta' l-uffiċjali u tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej fl-Istati Membri l-ġodda

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti dwar il-Personal ta' l-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, kif stabbiliti fir-Regolament (KEE, *Euratom*, KEFA) Nru 259/68 [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, *Euratom*) Nru 723/2004 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65, 65a ut ar-Regolamenti dwar il-Personal u l-Anness XI ta' miegħu u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20 u l-Artikolu 64 tal-Kondizzjonijiet tax-xogħol,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-applikazzjoni ta' l-Artkolu 20 ta' l-Anness XIII mar-Regolamenti dwar il-Personal teħtieġ li jiġu ffissati l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni għall-pensjonijiet imħallsa fl-Istati Membri.

(2) Dawn il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni jridu japplikaw b'mod immedjat għat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 17 ta' l-Anness VII mar-Regolamenti rigward il-Personal.

(3) L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 ta' l-Anness XIII mar-Regolamenti dwar il-Pesonal teħtieġ medja ppeżata komposta minn 20 % b'dawn il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni u minn 80 % bil-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għall-ħlas imħallas lill-uffiċjali fil-bliet kapitali ta' l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'effett mill-1 ta' Mejju 2004, skond l-Artikolu 17(3) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti dwar il-Personal, il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għat-trasferimenti mill-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra f'wieħed mill-Istati li ġejjin għandhom ikunu kif ġej:

id-Danimarka	130,1
il-Ġermanja	102,1
il-Greċja	89,5
Spanja	94,5
Franza	106,3
l-Irlanda	112,1
l-Italja	103,5
l-Olanda	103,8
l-Awstrija	107,1
il-Portugall	89,8
il-Finlandja	115,0
l-Isvezja	109,0
Ir-Renju Unit	112,6
Ċipru	94,8
Ir-Repubblika Ċeka	69,3
L-Estonja	65,9
L-Ungerija	60,2
Il-Latvija	59,3
Il-Lituwanja	64,0
Malta	82,1
Il-Polonja	59,6
Is-Slovenja	80,1
Is-Slovakkja	66,4

2. B'effett mill-1 ta' Mejju 2004, il-koeffiċjentital-korrezzjoni li japplikaw skond l-Artikolu 20(2) ta' l-Anness XIII għar-Regolamentri dwar il-Personal għandhom ikunu kif ġej:

Id-Danimarka	134,6
Il-Ġermanja	101,8
Il-Greċja	100,0
Spanja	100,0
Franza	116,5
L-Irlanda	121,1
L-Italja	106,2
L-Olanda	112,8
L-Awstrija	107,0
Il-Portugall	100,0
Il-Finlandja	119,5
L-Isvezja	115,2
Ir-Renju Unit	134,2
Ċipru	100,0
Ir-Repubblika Ċeka	100,0
L-Estonja	100,0
L-Ungerija	100,0
Il-Latvija	100,0
Il-Lituwanja	100,0
Malta	100,0
Il-Polonja	100,0
Is-Slovenja	100,0
Is-Slovakja	100,0.

[1] ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.
[2] ĠU L 124, tas-27.4.2004, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL